IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru18 (tmintax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- Tnejn 24 ta' Novembru, 2025, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg<br>Raymond Duncan<br>Antonia Buttigieg |
| **Assenti b'apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**18.1. Item Nru 18.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

18.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.21pm u s-Segretarju qara ittra t' apoloġija tas-Sur Michael Mifsud li jinsab ma jiflaħx. Kulħadd aċċetta l-apoloġija għalhekk is-Sur Mifsud ġie meqjus skużat.

**18.2. Item Nru. 18.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

18.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati b'mod unanimu.

Is-Sindku xtaq li ngħaddu għal item 18.5 fuq l-Aġenda biex l-Accountant Karl Cutajar ikun jista' jispjega r-rapporti finanzjarji.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2181832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

**18.5. Item Nru. 18.5 fuq l-Aġanda- Rapporti – It-tieni kwart finanzjarju.**

18.5.1 Is-Sur Cutajar beda jispjega r-rapport u faħħar il-Kunsill bil-kisba li rnexxielu jtella' l-FSI għal wieħed posittiv ta' 5%. Dan ir-riżultat mar oltre l-previżjonijiet u kien għalhekk ta' min ikun kawt xorta waħda sabiex nistennew l-għeluq tas-sena.

18.5.2 Is-Sur Cutajar kompla jispjega f'aktar dettall u fil-konklużjoni reġa' tenna li l-Kunsill miexi fi triq finanzjarja tajba ħafna. Wara din l-ispjegazzjoni il-Kunsill qabel unanimament li jiġi approvat dan ir-rapport li ġie propost mis-Sindku Neil Attard u ssekondat mil-Kunsillier Antonia Buttiġieġ.

**18.5. Item Nru. 18.5/2 fuq l-Aġanda- Rapporti – It-tielet kwart finanzjarju.**

18.5./2 Is-Sur Cutajar beda jispjega wkoll ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart li jkopri sa' l-aħħar ta' Settembru, 2025. Is-Sur Cutajar għal darboħra reġa' faħħar il-kisba tal-Kunsill minkejja li l-FSI naqas għal 1% minħabba spejjeż relatati mal-proġett tal-Ewropa fejn il-Kunsill nefaq f'akkomodazzjoni tad-delegazzjonijiet minn Slovenja u l-Ungerija però dawn ser jiġu rifonduti. Apparti hekk kien hemm ukoll spejjez ta' *flight* tad-delegazzjoni Maltija li sejra s-Slovenja.

18.5./2 Is-Sur Cutajar kompla jispjega dan ir-rapport fid-dettall u wara li ikkonkluda l-Kunsill qabel unanimament li jiġi approvat bi proposta tal-Kunsillier Antonia Buttigieg u ssekondata mil-Kunsillier Doris Borg.

**18.3 Item Nru. 18.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.3.1 Is-Sindku tkellem dwar xi tabelli li hemm fejn il-monument tal-Ħelsien f'Wesgħat il-Ħelsien sabiex jinġabru.

18.3.2 Is-Sur Attard qal li l-attività ta' *Halloween* kienet tajba ħafna u l-parteċipanti ħadu pjaċir ħafna.

18.3.3 Is-Sindku qal li l-attivita prinċipali tal-Milied ser issir nhar il-21 ta' Diċembru fil-Batteria Delle Grazie mil-11am -il quddiem. Il-Main stage ser isir taħt il-camp site u l-istage prinċipali ser ikun attv bejn is-2pm – 5pm bi spettaklu miżikali u żfin. Is-Sur Attard fakkar li din l-attivita ser tiġi ffinanzjata minn skema tad-DLG b'total ta' 15k u li minnhom ser jiġu finanzjati attivitajiet oħra tal-Milied b'kollaborazzjoni mal-iskola kif ukoll il-Knisja u it-tiżjin kollu tat-toroq.

18.3.4 Is-Sindku qal li bħalissa qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq tabelli u *sleeping police* fejn qed isiru mil-ġdid dawk li tqattgħu u tabelli mkissrin jew imsaddin.

18.3.5 Is-Sindku qal li l-*bus stop* ta' quddiem iz-zuntier tmexxa għal maġenb iz-zuntier kif tlabna. Għalissa għada ma saritx il-*bus stop bay.*

18.3.6 Is-Sindku qal li nieda proġett mir-Reġjun jismu Nexus 2026 u li ser ikun hemm numru ta' avvenimenti b'valur ta' 250K mar-reġjun kollu u fil-11 ta' Jannar ser ikun hemm il-launch tal- avvenimenti f'kull belt u raħal tar-Reġjun. Fix-Xgħajra ser issir wara l-quddies u ser jipparteċipaw ukoll l-iscouts b'permezz ta' daqq u ser tiġi ppreżentata plakka kommemorattiva sabiex tfakkar id-data. Wara kulħadd jiltaqa' għal *reception* ġewwa Bighi. Għal dawn l-avvenimenti kollha tat-2026 bl-isem ta' Integrati inħatar Direttur Artistiku li ser ikun qed jgħinna u jassisti.

18.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għal fondi tal-Ewropa mal-Knisja sabiex jinbidel is-saqaf tal-Kappella, proġett li ser jiswa €30,000. Kulħadd qabel u faħħar din l-inizzjattiva.

18.3.8 Is-Sindku qal li ra l-pjanti tal-proġett tal-Fort Park li ser ikun sabiħ ħafna u ta' tifħir. Dan possibbli grazzi għal Wasteserv u Project Green.

**18.4 Item Nru 18.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

18.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet għaliex qed jitħawlu dawn is-siġar kollha taż-żebbuġ biex imbagħad ma jieħdux ħsiebhom. Is-Sindku għaraf il-problema u qal li għandna problemi bihom speċjalment quddiem il-Knisja u anke fi Triq l-Awrat il ħin kollu iwaqqgħu u apparti l-ħmieġ li jidher fit-triq jistgħu ikunu ta' periklu. Hu kompla u qal li tkellem mal-ERA sabiex naraw jekk nistgħux naqlgħu ta' Triq l-Awrat però qed jistenna risposta.

18.4.2 Is-Sa. Borg qalet jekk nistgħux niktbu lil tal-BCRS sabiex jaħslu madwar il-magna aktar spiss minħabba ntiena u insetti. Is-Sindku qal li konna bagħtnilhom bil-miktub u qed jiġu però vera hemm bżonn li jiġu aktar spiss.

18.4.3 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu inżidu 2 qsari fuq iz-zuntier bħal ma għamilna f'postijiet oħra. Is-Sindku qal li ser ikellem lil Kuntrattur.

18.4.4 Is-Sinjura Doris Borg qalet li l-attività ta' San Martin fl-iskola kienet suċċess tant li l-play kellha ssir darbtejn wara talba speċjali. F' San Martin saret ukoll l-attività tal-borża li t-tfal tant ikunu qed jistennew kif ukoll l-attività tal-Baħrija li kull min attenda ħa pjaċir.

18.4.5 Is-Sinjura Borg irringrazzjat il-Kunsill li ta l-opportunità sabiex tattendi kors dwar id-drittijiet tat-tfal u li għalih ingħatat ukoll ċertifikat. Preżenti għaċ-ċeremonja kien hemm ukoll l-Eċċellenza President Emeritu Mary Louise Coleiro kif ukoll il-Ministru Michael Falzon u l-President tal-ANSEK Paul Gatt.

18.4.6 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk din is-sena hux ser inkunu qed nidħlu f'kollaborazzjoni mal-Knisja dwar ix-xiri tal-ponsjetti. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 24 ponsjetta.

18.4.7 Is-Sur Raymond Duncan qal li l-ħajt tas-sejjieħ tnaddaf.

18.4.8 Is-Sur Duncan ġibed l-attenzjoni li fid-daħla tax-Xgħajra fejn Sqaq it-tuta qed iżomm magħqad f'dik il-biċċa parking u li qed tiġi kkawżata minħabba katusa miżduda. Tajjeb li wieħed jiċċekkja. Is-Segretarju qal li ser tkun imniżżla max-xogħlijiet tal-ħaddiema assenjati.

18.4.9 Is-Sur Duncan qal li tkellem mas-Sindku tal-Qrendi dwar ir-restawr tal-ħitan tas-sejjiegħ u ser ikollu aktar informazzjoni -il quddiem.

18.4.10 Is-Sur Raymond Duncan staqsa dwar il-latrina pubblika x'ħin qed tagħlaq għaliex xi ġranet ilu kienet magħluqa qabel il-5pm. Is-Segretarju qallu li suppost fis-6pm però jista' jkun kienet magħluqa bir-riħ u mhux imsakkra għaliex xi ġranet ilu iċċekkja huwa stess u ma kienetx imsakkra imma l-bieb magħluq bir-riħ biss. Għalhekk ser isiru *stoppers* biex ma joqodx jingħalaq.

18.4.11 Is-Sur Raymond Duncan issuġġerixxa li jinxtara *welding set* għal meta jkollna bżonn. Kulħadd qabel li jinxtara wieħed.

18.4.12 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet dwar il-*bus shelter* u s-Sindku qallha li ltqajna ma rappreżentant mil-FACES u qiegħed imexxi l-proċess. Bħala kunsill għalissa nistgħu nerġgħu insewwu s-soqfa temporanjament. Is-Sa Buttigieg enfasizzat li speċjalement dak ta' fejn il-Barumbara fi Triq it-Torri t'Alof De Wignacourt.

Is-Sindku kompla wkoll li nagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*Bus Shelter* ta' Dawret ix-Xatt li qed jaqa' l-kisi kollu.

18.4.13 Is-Sa Buttigieg staqsiet kull kemm suppost jiġi l-kennies fi Triq San Ġakbu. Is-Sindku qallha li bħalissa vera għandna problema għax għandna Kenniesa neqsin minħabba raġunijiet differenti.

**18.5 Item Nru. 18.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

18.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

**18.6 Item Nru. 18.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

18.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

IX-XGĦAJRA

**18.7 Item Nru. 18.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

18.7.1 Pagamenti b'numru 17 ġew approvati unanimament.

**18.8 Item Nru. 18.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

18.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**18.9 Item Nru. 18.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

18.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar fil-5pm.

__________________________

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

__________________________

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2181832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt